## Knejjes ta' San Ġwann, Għawdex. No. 3

# San Ġwann tan-Nadur



© Victor John Galea

### Fejn kienet il-Knisja

L-ewwel ħjiel fejn kienet il-knisja ta' San Ġwann tan-Nadur insibuh fir-rapport iġri u ġerri tal-viżta pastorali tal-1618. F'din il-viżta xi ħadd li kien idur il-knejjes l-ewwel mar San Filep li kien taħt lir-Rdum iż-Żgħir fuq ix-xellug ta' Daħlet Qorrot u minn hemm għadda għal San Ġwann tan-Nadur u baqa' sejjer Santa Margerita tal-Għejun fuq ix-xaqliba l-oħra, ix-Xagħra.

Milli jidher viżitatur ieħor mill-kappella ta' Santa Katerina ta' Sjena ta' Torri Garża, ix-Xatt, mar Santa Marija tal-Qala u minn hemm għadda għal San Ġwann ta' Ħida. B'hekk il-knisja ssemmiet darbtejn, imma t-tieni darba min kien laqat il-musmar fuq rasu għax il-knisja kienet tassew lejn ta' Ħida, post imsemmi hekk għax hemm kien ibejjet l-astun, tajra qisha ċiċċardija, kif isibuha n-Nadurin liċ-ċiċċarda, imma ħarira akbar, b'qarsa f'denbha.

Sewwa sew il-knisja kienet fejn jgħidulu t-Tarġa tan-Nadur qabel taqbad it-Triq ta' Xħajma għar-Rabat. Tarġa, jgħidilna Abela fl-1647, tfisser post fejn minn fuq sies tinżel għal isfel. Min kien jaf l-affarijiet sewwa qal lill-Patri Bonnici (1936-2006) li kiteb l-Istorja tan-Nadur, li l-familja Gatt, tliet aħwa saċerdoti Ġużepp (1880-1929), Dwardu (1885-1961) u Fredu (1894-1952), li kellhom ir-raba' ħdejn il-knisja fl-ewwel nofs tal-għoxrin seklu, kienu raw il-pedamenti tagħha fi tfulithom. L-art fuq il-lemin tat-Triq tat-Tarġa, int u nieżel għat-Triq ta' Xħajma, għadhom isibuha Ta' Gatt. Għalhekk il-knisja kienet tħares lejn il-punet għal fuq il-Wied tax-Xini.

### L-Ismijiet li kellha l-knisja

Barra li kienu jgħidulha tan-Nadur u ta' Ħida, Dun Franġisk Agius (1712-1770) jgħidilna li kienu jsibuha wkoll ta' Wied Binġemma jew Ta' Kenuna. Ta' Kenuna qiegħda fuq il-lemin u Wied Binġemma jibda fuq ix-xellug ta' fejn kienet il-knisja. Imma l-aktar isem li jfisser ħafna hu dak li sibt fil-viżta ta' l-1587, fejn niltaqgħu ma' San Ġwann ta' Cache (tinqara Cace bit-Taljan). La qiegħda msemmija bejn Santa Margerita tal-Għejun u Sant'Anton tal-Qaċċa, it-tnejn ix-Xagħra bħal drabi oħra din taħbat il-knisja ta' San Ġwann tan-Nadur.

Cache hu kunjom Sqalli li niltaqgħu miegħu f'kuntratt tal-1494, fejn insibu li n-nutar Ingomes de Brincat mill-Imdina ta baqartejn lil Mattew de Cachi (aqra Caci), Għawdxi li daħal f'xirka miegħu biex il-qligħ li jħallu jaqsmuh bejniethom nofs nofs.

Wara l-ħerba ta' l-1551, niltaqgħu ma ' Dun Anard de Cace (1553-1569), kappillan tal-Matriċi. Fl-istorja dan jgħaddi bħala Micallef de Caci imma fir-reġistru tal-Matriċi li hu fetaħ fl-1554 kien imniżżel de Cace, kif ktibtu jien. Nafu li dan il-kunjom Għawdxi fl-1644 kont għadek issibu hawn.

Tgħid il-fundatur tal-knisja ta' San Ġwann kien xi ħadd b'dan il-kunjom?

Isem li lili ħawwadni bis-sħiħ hu dak li sab il-profs. Wettinger. Dan qal li fl-1581 iltaqa' mal-isem Wied San Ġwann tal-Qala jew Qabar il-Għarib. Issa m'hemm l-ebda dubju li Qabar il-Għarib hu Borg Għarib fit-Triq tal-Qala li minnha wkoll titla' n-Nadur. Dan għax fl-1577 li l-post kien qiegħed Ġebel l-Aħmar, jew Qabar il-Għarib u Borg Għarib nafu li qiegħed ħdejn il-Ġebel l-Aħmar.

Issa minn qara dak li ktibt fuq in-Nadur, dari n-Nadur ma kienx ħlief wardija, post tal-għassa, li kienu jsibuh Nadur il-Qala, jew il-Wardija tal-Qala. Għalhekk San Ġwann tan-Nadur jista' b'xi mod jissejjaħ tal-Qala. Tant hu hekk li f'kitba ta' l-1534 insibu San Ġwann tan-Nadur fl-inħawi tal-Qala u sena wara niltaqgħu addirittura ma' San Ġwann tal-Qala.

Biss, billi jien imdorri bi braġ ta' ġebel fejn dari kien hemm xi knisja bħall-Borġ ta' San Brinkat, il-Borġ ta' Sant'Injazju, ix-Xagħra u l-Borġ tas-Salvatur u l-Borġ ta' San Nikola, il-Qawra, jien ma nwarrabx il-ħsieb li barra Saraċin taħt Borġ Għarib seta' kien hemm knisja ta' San Ġwann ukoll.

### Il-Familja di Nastas li kienet tagħmel mill-knisja fl-1615

Dan il-kunjom bil-Latin jinkiteb De Anastasio u bit-Taljan D'Anastasio filwaqt li fl-1533 insibuh Nastasi bl-Isqalli. Għażilit Di Nastas mill-isem tar-raba' li ssibu Ta' Sannat fuq ix-xellug int u tiela' mat-Triq ta' Ċenċ. Dun Franġisk Agius jgħid lil dil-familja kienet ġiet hawn mal-kavallieri fl-1530, imma fir-reġistru tal-fundazzjonijiet tal-benefizzji tal-knisja ta' Għawdex sal-1545, niltaqgħu ma' Grabiel di Nastas li fl-1504 waqqaf il-ġuspatrunat tal-Bajjada flinħawi ta' Sant'Iermu,

jiġifieri lejn Wied Sara. Dan Gabriel kien fuq is-sodda tal-mewt fl-1504 u b'werriet ħalla lil ħuh Ġakbu u għalhekk ma setax kien missier Grabiel ieħor li jissemma fl-1533.

Fl-1575 niltaqgħu ma' Grabiel ieħor li kien wieħed mit-tnax-il fratell tal-fratellanza tar-Rużarju li waqqaf l-ingiżitur Duzzina fil-Matriċi ta' Santa Marija tal-Belt f'Għawdex. Dan Grabiel di Nastas fl-1583 kien ukoll prokuratur tal-Matriċi ta' Santa Marija flimkien ma' Dun Lawrenz Apap, il-kappillan ta' San Ġorġ li kien iposdi fuq is-Sur. Dan kien xjieħ u billi ma kienx għadu jiflaħ, prokuratur floku daħal Dun Anġ Modlun, li kellu wkoll jilħaq kappillan San Ġorġ fl-1610. O tempora, o mores!

Ara xi ħadd imur jaħseb li ta' De Nastas kienu huma li bnew lil San Ġwann tan-Nadur. Meta l-viżitatur mar iżur din il-knisja fl-1575, Grabiel de Nastas baqa' l-Kastell ferħan bil-kunfratija l-ġdida li libes. Il-viżitatur sab il-knisja mitluqa waħda nobis u r-raba' li kellha magħha kien ġmiem għax ħadd ma kien qed jaħdmu u min żarha qabad u għalaqha.

U, ħbieb tiegħi Nadurin, ara timlew raskom b'li qallina Dun Franġisk Agius li f'kitba ta' l-1709 sab li Klawdju di Nastas xehed li bużnannuh Grabiel di Nastas kien joqgħod f'dar bi ġnien Ta' Ħida u li kien imħallef. Imħallef dak iż-żmien ma kienx ikun imħallef tal-qorti governatorjali, kif kien jissejjah il-qorti t'Għawdex fi żmien l-Ordni wara l-1552; kien ikun biċċa mħallef tal-uqija. Dan, jgħidilna Annibale Preca (!835-1901), kien ikun wieħed minn dawk li fl-irħula jgħidulu mgħallem, skola xejn, l-aqwa li jkollu moħħu jilħaqlu jew ikun miżmum b'hekk. Kien jaqta' kustjonijiet żgħar sa wqija, kitba xejn u paroli mill-inqas.

Dun Franġisk Agius jgħidilna wkoll li dan Grabiel kien sid ta' daqqa ta' mit modd raba'. Dawn iġibu disat elef u sitt mit siegħ jew qatgħa għall-bini, kelma! Dar-raba' kollu dan Grabiel imnejn dabbru? Il-Għawdxin li fl-1551 sabu ruħhom ilsiera Stanbul kienu jaħtru purkratur biex jeħdilhom ħsieb ħwejjiġhom. Fost dawn nafu b'Ġanni di Nastas fl-1568. Dawn il-prokuraturi, wara li dawn l-imsejkna kienu jħallu ġildhom fl-art tat-Torok kienu jieħdu ħwejjiġhom u jistagħnew. Hekk naħseb li kien sar sinjur Grabiel. Dan Grabiel nafu li kien ġurat Għawdex fis-snin 1585, 1591 u 1594. Il-ġurati, erbgħa b'kollox, kienu jgħinu lill-Ħakem u wara l-1551, lill-gvernatur, imexxi l-gvern t'Għawdex.

Fl-aħħarnett infakkru li fl-1608 niltaqgħu ma' żewġt ilsiera ta' Pawlu di Nastas, Madalien u Ċikku li kienu għamlu l-ġriżma l-Matriċi. Dawn ukoll ħadu kunjom sidhom u għalhekk mhux kull min għandu dan il-kunjom hu nisel din il-familja.

## X'nafu fuq il-knisja ta' San Ġwann tan-Nadur

Mir-rapport ta' Duzzina ta' l-1575 insiru nafu li dak inhar il-knisja kważi ħerba u billi r-raba' li kellha ma kien qed jaħdmu ħadd sfat magħluqa. Il-viżitatur ħalla ordni biex il-ġebel li kellha jeħduh għal-knisja parrokkjali li għan-Nadur kienet il-matriċi ta' Santa Marija. Xejn ma kien sar għax fl-1587, żmien l-isqof Tumas Gargall, kienet għadha bla artal u bla ebda ħaġa oħra u reġgħet ingħalqet mill-ġdid.

Milli jidher wara din is-sena l-ġurdien kien xamm il-ġobon u daħal għal dawk it-tlitt itmiem li kellha magħha l-knisja, għax kien ħadu f'idejh Grabiel di Nastas li b'hekk kien sar il-purkratur tagħha. Fl-1615 dil-mandretta kienet imqabbla skut fis-sena, li jġib €0.20 tal-lum. Billi Grabiel kien mejjet, il-purkatur sar Dun Pietru di Nastas.

Dan kellu jagħtiha dawra billi kellha bżonn tibjida u l-bieb kien miksur. Il-ħitan, imma, kienu sodi. Barra minn dan, fir-rapport ta' l-1615 insiru nafu li fil-knisja kienet issir il-festa b'quddiesa kif ukoll iż-żerda billi kienu jitqassmu erbat itmiem, jiġifieri wejba jew xkora, qamħ magħmul ħobż. Minn wejba dqiq kont toħroġ tmienja u erbgħin ħobza kbar daqs għarbiel kif kienu jqattgħuhom mill-għaġna n-nisa tad-dar tar-raħal, fosthom ommi, dari. Biss il-ħobż taż-żerda kien aktarx ikun iżgħar biex kull min kien imur tmissu waħda.

La fl-1615 issemma dan kollu jfisser li Grabiel de Nastas jew Dun Pietru di Nastas kienu jafu x'kien hemm marbut mal-madretta, billi aktarx min ħallieha lill-knisja kien l-istess wieħed li bnieha billi kienet magħha. Milli jidher il-purkratur ma tantx wera ħerqa biex jirranġa l-knisja għax sitt snin wara ħlief artal tal-ġebel fiha ma kienx hemm. Il-knisja kienet tidher li se taqa' minn kullimkien u l-bieb kien għadu miksur. Il-viżitatur għadab, talbu rendikont ta' x'kien qed idaħħal u joħroġ u heddu li jekk ma kienx se jsewwiha fi żmien erba' xhur kien se jagħlaqha. Naħseb li qallu grazzi.

Waslet il-viżta tal-1630. Il-knisja kienet baqgħet għerja minn ġewwa u bejn se taqa' u ma taqax. Did-darba l-Viżitatur Pontremoli ħalla ordni biex jaqbdu u jagħlqu l-bieb bil-kantun u lil Indri Vella qallu li la tagħlaq il-qbiela tal-mandretta li kien jaħdem kellu jagħtiha lil Valerju Laurer, il-purkratur ta' Santu Liju, ta' San Tawdar biex dan jagħmel il-quddiesa ta' nhar San Ġwann fiha. Dil-knisja kienet fuq ir-riħ tar-rdum li jħares fuq id-daħla tal-Mikħal bejn Xambre` u Mġarr ix-Xini.

Ħames snin wara l-knisja la kienet waqgħet u wisq anqas biebha ngħalaq bil-ġebel. Il-viżitatur neħħa l-ordni li kien ta biex il-festa ssir Santu Liju u talab rendikont lil Indri` Vella u lil Valerju Laurer.

Għaddew disa' snin oħra u l-knisja, minkejja kollox, kienet għadha wieqfa. Għalhekk fl-1644 il-viżitatur ordna lill-purkratur tal-knejjes tal-kampanja biex isewwiha mill-qbiela li kien idaħħal mill-mandretta. Il-purkatur Ġulju Cumbo kellu jara sew imnejn kienu ġejjin l-obbligi li kellu marbutin magħha u ma jagħmel xejn fiha qabel jagħmlilha kull ma kien hemm bżonn.

Sa fl-aħħar fl-1657 waslet il-mattanza ta' l-Isqof Balaguer li għalaqha ma' erbgħin oħra Għawdex biss u qabda oħra Malta. Ir-raba' għadda għall-purkratur tal-knejjes tal-kampanja li għall-ewwel kien baqa' jmur jagħmel il-festa fihom. Imbagħad beda jagħmel il-festa tal-knejjes magħluqin Savina u fl-aħħar fuq l-artal tas-Salvatur fil-kappella tar-relikwi fil-kolleġġjata Santa Marija.

Bil-qbiela ta' San Ġwann tan-Nadur u ta' erbgħa u għoxrin oħra fl-1675 kienet twaqqfet il-prebenda tal-kanonkat tal-knejjes tal-kampanja. In-nies ta' Ħida kienu baqgħu jagħmlu l-festa xorta waħda kif joħroġ mir-rapport tal-viżta ta' l-1678. Kif jaf kulħadd, għaxar snin wara l-Isqof Palmier waqqaf il-parroċċa tan-Nadur fil-knisja tal-Qala sa ma tinbena waħda aktar fil-qabda fil-moxa li kien hemm fejn illum hemm il-knisja tan-Nadur.